Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 344/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Grima**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Grima talli fl-4 ta' Dicembru 2010 ghall-habta ta' 12.50 p.m. gewwa Triq Tumas Chetcuti k/m Triq l-Mdina, Attard:

(1) saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBC 218 b'manjiera (a) traskurata u (b) bla kont;

(2) saq b'velocita` aktar milli jmissu;

(3) waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura qasam il-linji bojod kontinwi;

(4) b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolameti tat-traffiku, habat ma' vettura bin-numru ta' registrazzjoni ISN-004 u involontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Matthew Dimech;

(5) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Matthew Dimech skond kif iccertifika Dr. J.P. Vella M. D. Reg. 3304 kif ukoll ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Isaac Galea skond kif iccertifika Dr. Nicola Carauna M.D. Reg. 3312 mill-MDH.

Il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti biex tiskwalifika lil-imsemmi Raymond Grima mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li jidhrilha xieraq;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Lulju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 328 tal-Kap. 9 u l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, L.S. 65.11 tal-MVR 127 u L.S. 65.11 tal-MVR 88 LN 94/69, sabet lill-istess Raymond Grima hati ta' l-ewwel (1), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni u kkundannatu tmenin euro multa komplessivament. Ordnat ukoll is-sospensjoni tal-licenzja ta' l-istess Raymond Grima ghal perjodu ta' gimgha mid-data tas-sentenza appellata. Iddikjarat inoltre li t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet jinsabu preskritti ai termini ta' l-artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant dik il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Raymond Grima pprezentat fit-2 ta' Awwissu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dak li jirrigwarda l-ewwel (1), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni u dan billi tiddikjarah mhux hati ta' dawn l-imputazzjonijiet

migjuba kontra tieghu f'dak ir-rigward u b'dan il-mod tilliberah minn kwalunkwe imputazzjoni u piena, u wkoll tikkonferma n-nuqqas ta' htija fit-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni. Bla pregudizzju ghat-talba ta' dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' htija, f'kaz illi din il-Qorti ssib xi htija fih, giet mitluba li taghti piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet il-provi; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ma kellhiex issibu hati ta' l-ewwel, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet; (2) subordinatament, li l-iskwalifika tal-licenzja ma kinitx oggettivament indikata.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jaghmel numru ta' osservazzjonijiet. Jghid fl-ewwel lok illi l-fatt li l-vettura ta' Matthew Dimech garbet hsarat principalment fuq il-lemin taghha u mhux fuq quddiem juri bic-car illi fil-mument ta' l-impatt il-vettura ta' Dimech kienet ghadha kemm harget minn fuq l-i*stop sign* u kienet qed tittraversa Triq l-Mdina. Jghid ukoll illi Triq l-Mdina hija dritta u tofri vizwali fit-tul f'dik il-parti fejn sehh l-incident, kif ikkonferma Matthew Dimech stess. Izda Dimech u x-xhud tieghu Emanuel Galea qalu li fil-hin ta' l-incident l-apellant kien qieghed jaghmel sorpass, haga li l-appellant jichad. Lill-Pulizija Dimech qatt ma semma li l-appellant kien qieghed jaghmel sorpass. L-appellant jghid illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-obbligi ta' Matthew Dimech, principalment li jzomm *proper lookout* u li joqghod ghar-regola ta' l-i*stop sign*. Skond l-appellant, bil-manuvra li ghamel Dimech, huwa nhasad u ghalkemm kien ghaddej bi *speed* baxx (40/50 kfs) ma kellux *chance* japplika l-*brake* izda gibed fuq il-lemin tieghu biex jipprova jevita l-incident u kien proprju f'dak il-mument li qasam il-linji bojod. Ghalhekk, jinsisti l-appellant, l-uniku fattur ghaliex sehh l-incident kien l-agir ta' Matthew Dimech li qatt ma kellu johrog mill-i*stop sign* minghajr ma jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega. L-appellant jghid illi s-sewqan tieghu ma kienx fih tracci ta' traskuragni, jew ta'

*recklessness*, jew sbadatagini, jew perikolozita`, jew ta' nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti stradali, jew li naqas milli jzomm *a proper lookout*. Martin Dimech ikkreja *sudden emergency* lill-appellant u mhux kwistjoni ta' nuqqas ta' *proper lookout*. Kieku ma kinitx ghad-decizjoni zbaljata ta' Dimech l-incident ma kienx isehh. L-appellant temm jghid li lanqas ma ngabet prova li huwa kien qieghed isuq bi *speed* eccessiv.

**7.** L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Mix-xhieda li semghet jirrizulta s-segwenti.

**8. Matthew Dimech** xehed illi huwa hareg minn Triq Tumas Chetcuti f'H'Attard biex imur fid-direzzjoni lejn il-Belt. Mieghu kellu t-tifel ta' sitt snin. Kif gie fit-triq tieghu jsib karozza gejja mid-direzzjoni opposta li kienet qed taqbez karozza ohra, kif ix-xufier ta' dik il-karozza rah ipprova jaghfas iktar il-*gas* biex jidhol fis-*side* tieghu u ha lix-xhud kwazi *head-on*. Qal li kif hareg kien hemm karozza gejja mid-direzzjoni tal-Belt li ma habatx maghha u l-kollizjoni saret ma' dik li kienet qed tissorpassa. Dik li kienet qed tissorpassa ntebah biha kif gie fis-*side* tieghu. Bid-daqqa li qala' ntefa ghoxrin metru. Ix-xhud qal li ntilef minn sensieh u kellu ksur f'idu. Mad-daqqa kisser il-hgiega tal-genb b'rasu u kellu l-hgieg go rasu. Mistoqsi dwar xi prekawzjonijiet ha qabel ma hareg, qal li waqaf kompletament fuq l-*istop sign*, hares "lejn iz-zewg nahat ghal darba, darbtejn, tlieta, ma kienx tiela' hadd la min-naha tar-Rabat u la min-naha tal-Belt, jiena kkalkolajt li ha nohrog." Imbaghad, pero`, qal li ra karozza gejja min-naha tal-Belt u kkalkola li jilhaq johrog, hareg u kif gie fis-*side* tieghu sab il-karozza l-ohra li hasditu. In kontro-ezami kkonferma li ra karozza gejja u li kienet kwazi hdejn KBS fil-liwja tat-triq. Mistoqsi ghaliex ma semmiex lill-Pulizija li kien hemm karozza qed tissorpassa, wiegeb li lill-pulizija qallu li ma setax jirrispondi dak il-hin, kien mohhu fit-tifel, kien mitluf minn sensieh, u qallu jigi meta jkun mohhu mistrieh li t-tifel kien f'kundizzjonijiet tajba. Il-vettura li dahlet fih raha mad-daqqa.

**9. Emanuel Galea** xehed li dakinhar kien fuq l-i*stage* u ra Toyota (il-karozza li kien qieghed isuq Matthew Dimech) wieqfa f'salib it-toroq biex tohrog. Kien hemm karozza ghadha 'l boghod gejja fid-direzzjoni ta' H'Attard. It-Toyota kellha l-*indicator*, harget u giet f'postha biex tinsel lejn il-Belt. Ix-xhud qal: "Imbaghad f'daqqa wahda ma nafx minn fejn inqala' dak l-Isuzu l-ahmar jien, qabez lill-ohra bil-fors ghax jien ma rajtux u sab lill-iehor mill-ewwel kif qabzu ghax kien tiela' daqsxejn mhux hazin ukoll." Meta sar is-sorpass, ra dik il-vettura taqbez daqsxejn il-*line* u ssib lit-Toyota ma' wiccha. Bid-daqqa t-Toyota spiccat 'il boghod minn fejn kienet qalghet id-daqqa. Wara l-incident ngabru n-nies, giet l-ambulanza, ix-xufier tat-Toyota kien mitluf minnsensieh u t-tarbija bajda karti. Imbaghad giet tal-linja u x-xhud telaq. In kontro-ezami x-xhud qal li wara l-incident marru l-familjari tat-Toyota li bdew isaqsu x'kien gara u hu qalilhom li kien ra l-incident. Ikkonferma li ra l-Isuzu taqbez  karozza li kienet qed tinsaq quddiemha.

**10.** Xehed ukoll **P.S. 321 Alan La Grasta** li kkonferma li ghamel l-iskizz esebit. Ma setax jghid ta' liema karozza kienu l-i*skid marks*. Lil Matthew Dimech kelmu darbtejn, l-ewwel darba l-Isptar imbaghad meta tlett ijiem wara l-imsemmi Dimech mar l-ghassa u ziedlu xi dettalji. Qallu li dakinhar kien waqaf fuq l-*istop* "u meta dar ghal H'Attard ma rax vetturi ohra pero` x'hin wasal f'nofs it-triq tela' dan il-van min-naha t'isfel, qabez karozza u habtu."

**11. L-appellant** xehed illi dakinhar kien sejjer lejn ir-Rabat meta f'daqqa wahda mi9n-naha tax-xellug tieghu harget karozza u sabha mieghu, kemm ipprova jiskapulaha u habtu mill-ewwel. Ipprova jiskapulaha billi dawwar lejn il-lemin tieghu. Quddiemu ma kienx hemm karozzi, traffiku ma kien hemm xejn u kien tiela' ghall-affari tieghu. L-appellant qal li lanqas *brake* ma ghafas imma dar fuq il-lemin u dawwar il-karozza l-ohra wiccha lejn ir-Rabat. L-appellant qal li hu waqaf u l-karozza l-ohra baqghet miexja bil-mod. L-appellant cahad li qabez xi karozza ghax ma kien hemm xejn x'jaqbez. "Dan harigli minn fuq *stop sign*; dak kollu gideb li qalu. Jiena konta tiela' ghall-affari tieghi ghar-Rabat b'van commercial u van griz mhux ahmar … jiena kont fid-direzzjoni tieghi u m'ghandi tort ta' xejn." In

kontro-ezami l-appellant qal li l-pozizzjoni li fiha spiccat il-karozza misjuqa minn Matthew Dimech kienet wiccha lejn ir-Rabat u mhux kif indikat fl-iskizz. Il-karozza ta' Dimech hadet id-daqqa mal-bieba u mudguard tal-lemin ta' quddiem filwaqt li l-hsara fil-van ta' l-appellant kienet fuq quddiem in-naha tax-xufier.

**12.** L-ewwelnett din il-Qorti tosserva li min jigi fuq *stop sign*, irid jieqaf u jibqa' wieqaf sakemm jara li jkun *safe* li jista' johrog u jipprocedi. L-ezercizzju tal-waqfien fuq *stop sign* mhux wiehed akkademiku li jinvolvi li wiehed jieqaf biex ikun waqaf imbaghad jistartja jew jingrana u jerga' jipprocedi. Dan il-waqfien isir bi skop biex dak li jkun ikollu c-cans kollu jesplora it-triq li jkun diehel fuqha u jekk hemm bzonn jaghti id-dritta lit-traffiku li jkun gej fuq dik it-triq l-ohra. Dawn huma l-prekawzjonijiet li kull sewwieq irid jiehu qabel ma jidhol fuq triq principali hemm jew ma hemmx *stop sign*. Il-prezenza tal-i*stop sign* hija intiza biex tnehhi kull dubju dwar precedenza u tfakkar lis-sewwieq bl-obbligi tieghu ta' prudenza meta jigi biex minn triq sekondarja johrog fuq triq principali. L-obbligu li tieqaf fuq *stop sign* ma jigix osservat biss b'waqfien momentanju u fugittiv imma bil-waqfien duratur ghal kemm ikun hemm bzonn sakemm traffiku li jkun ghaddej fuq it-triq principali miz-zewg nahat jilhaq jghaddi.

**13.** Mela hawn ghandna verzjonijiet kontrastanti dwar x'wassal ghall-incident in kwistjoni. Dak li xehed Emanuel Galea, li huwa xhud indipendenti li nzerta kien fuq *bus stop* li hemm vicin il-post fejn gara l-incident, pero` jissufraga dak li xehed Matthew Dimech. U din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni tiddubita dak li xehed dan Emanuel Galea, cioe` li l-incident gara meta Matthew Dimech kien diga` fil-korsija tieghu u l-appellant kien qieghed jaqbez karozza ohra. Il-post ta' l-incident huwa maghruf lill-Qorti u huwa evidenti li biex isir sorpass il-karreggjata opposta tigi invaza. Huwa wkoll evidenti li min ikun se johrog minn Triq Tumas Chetcuti biex idur lejn il-Belt, bhalma kien se jaghmel Matthew Dimech, irid verament jassigura ruhu li ma jkunx hemm traffiku gej miz-zewg direzzjonijiet, u partikolarment min-naha tal-lemin, cioe` minn fejn kien gej l-appellant. Dan ghax aktar

’l isfel hemm liwja fit-triq u l-karozzi li jkunu gejjin mid-direzzjoni tal-Belt malajr “issibhom fuqek”. Jigifieri jekk Matthew Dimech kien ra karozza gejja min-naha tal-Belt kellu jistenniha tghaddi. F’dan il-kaz, pero`, l-ewwel Qorti ddecidiet li ssib htija fl-appellant ghax emmnet li l-appellant kien verament ghamel sorpass inkonsult. Il-kollizjoni effettivament grat fuq in-naha tal-karreggjata li kien wasal fiha Matthew Dimech. L-appellant ipprova jevita l-incident billi *in the agony of the collision* idawwar lejn il-lemin izda kien tard wisq. L-iskizz ukoll juri li l-kollizjoni effettivament grat fuq il-karreggjata li kien fiha Matthew Dimech. Imbaghad l-entita` tal-hsara li garrbet il-vettura misjuqa minn Matthew Dimech turi li l-appellant ma kienx qieghed isuq b’mod galbat, kif l-appellant ipprova jaghti l-impressjoni.

**14.** Anke jekk stess kien hemm xi kontributorjeta` da parti ta’ Matthew Dimech, dan xorta ma jezonerax lill-appellant minn kull responsabbilta’ peress li, kif gie ritenut mill-Qrati taghna, in-negligenza kontributorja ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru.

**15.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b’dan illi l-perijodu ta’ skwalifika jibda jiddekorri minn nofs-il lejl tallum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------